MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1112/2004

**Atlas Insurance Limited kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta’ l-attisurat taghhom Joseph Busuttil u l-istess Joseph Busuttil f’ismu proprju**

**vs**

**Christopher Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta’ Mejju, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm227.54) rappresentanti danni imhallsa mis-socjeta attrici fuq il-vettura DAM 982 assikurata comprehensive u ghal liema somma s-socjeta attrici tinsab surrogata fid-drittijiet ta’ Joseph Busuttil u dana b’rizultat ta’ habta li grat fl-10 ta’ Jannar 2003, go Hal Lija, meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-

vettura TAC 777, habat mal-vettura DAM 982 ta' Joseph Busuttil u misjuqa minn Roberta Busuttil Pecci u ghal liema incident l-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali tad-19 ta' Dicembru 2003, ta'l-ittra ufficjali tal-25 ta' Frar 2004 u ta'l-ittra ufficjali epprezentata kontra Allcare Insurance Agency Ltd., assiguraturi tal-konvenut u Lm15 konsult, u bl-imghaxijiet tat-8% fuq l-ammont mitlub mill-25 ta' Frar 2004 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-1 ta' Ottubru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u sebgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm227.54), bl-imghaxijiet legali mil-25 ta' Frar 2004.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-25 ta' Frar 2004 u ta'l-ittra ufficjali ipprezentata kontra Allcare Insurance Agency Ltd., assiguraturi tal-konvenut ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------